9 t'ijiem

# Central European
## Czech Republic & Germany

**A* 09 – 17 t'Awwissu B* 06 – 14 September**

**Prague, Karlovy Vary, Kutna Hora, Dresden, Berlin, Sansoucci Palace, Potsdam, Leipzig, Spreewald...**

### l-Ewwel Jum
Niltaqgħu l-ajruport ta' Malta fil-15.00 għat-titjira KM 538 li ttir fit-17:20 u naslu Prague fit-19:50. Wara nibqgħu sejrin lejn il-**Hotel Ambassador 5 Stars** fiċ-ċentru. Sistemazzjoni tal-kmamar.

### It-Tieni Jum
Buffet Breakfast u jkollna **city tour fil- belt ta Praga** fejn naraw postijiet ta' nteress bħal Prague Castle, kumpless kbir ta' bini fost l-oħrajn hawn il-kastell ta' Vilius, il-bażilika ta' San Ġorġ u l-Palazz irjali. Inkomplu t-tour tagħna billi nżuru Kampa Island, Charles Bridge u l-Old Town Square imdawwar b' bini b'arkitettura diversa naraw l-Knisja Gotika ta' Our Lady before Tyn bil-kampnari tagħha għolja 80 metru, l-Arloġġ Astronomiku li jinsab fit-Town Hall li hu tielet l-eqdem arloġġ astronomiku fid-dinja, Jan Hus Memorial...

### It-Tielet Jum
Buffet breakfast u eskursjoni għal **Český Krumlov** li hi meqjusa bħala l-isbaħ belt tal-Bohemia. Din il-belt protetta u meqjusa mill-Unesco bħala World Heritage, tgawdi xenarju mill-isbaħ. Fi triqitna lejn Český Krumlov, li jinsab fuq ix-xmara Vltava, niltaqgħu ma' għadd ta' villaġġi ħelwin u kampanja spettakolari. Inżuru ċ-ċentru storiku kif ukoll il-kastell (dħul extra). Filgħaxija mmorru għal drink.

### Ir-Raba'Jum
Wara li nieħdu buffet breakfast eskursjoni mill-iżjed interessanti għal **Karlovy Vary** fil-Punent tal-Bohemia, fejn matul il- vjaġġ tagħna ser ikollna l'opportunita li nappreżżaw l-kampanja ta' din iż-żona sakemm naslu. Il-belt ta' **Karlovy Vary** tinsab f'wied tassew sabiħ. Flimkien mal-gwida nżuru **l-knisja ta' Maria Magdalena**, naraw **il-famużi Spa Colonnades u l-funtani**. Hawn magħruf ħafna għax-xogħol tal-kristall hu nsibu waħda mill-aqwa brands fid-dinja. Ma tistax tkun **Karlovy Vary** u ma dduqx il-famużi Wafers li huma tant delizzjużi, kif ukoll il-liquor tradizzjonali Becherovka u sintendi l-ilma naturali mineral springs. Nirritornaw lura l-hotel.

### Il-Ħames Jum
Wara li nieħdu buffet breakfast nibdew il-vjaġġ tagħna lejn **Berlin** ġewwa **l-Ġermanja**. Berlin hi l-belt kapitali tal-Ġermanja, hi belt sabiħa u mill-iżjed interessanti, izda qabel ikollna waqfa ġo **Dresden**-hekk imsejħa Firenze tan-naħa ta' Fuq, hi fost il-bliet Ġermaniżi l-aktar meraviljużi. Opportunità napprezzaw il-ġmiel tal-kastell viċin it-Theaterplatz, Opera House, Sempergalerie, Taschenbergpalais u Hofkirche. Naraw aktar postijiet ta' interess bħal hekk imsejħa Fürstenzug jew purċissjoni tal-prinċipijiet. Ikollna ftit ħin liberu għax-xiri. Nkomplu lejn Berlin u mal-wasla tagħna **fil-Hotel Hollywood Media 4 Stars**. Issir is-sistemazzjoni tal-kmamar, u ħarġa mal-leader biex nibdew ingawdu din il-belt.

### Is- Sitt Jum
Breakfast, eskursjoni mill-iżjed interessanti '**Berlin city tour**' fejn flimkien ma' gwida tal -lokal naraw l-aktar psitijiet ta'nteress bħal Bradenburg Gate, Unter Der Linden, Reichtag, Museum Island, Berlin Opera, Berlin Wall Memorial, check point Charlie, Gendarmemmarket, Grosser tiergarten, Victory Column, Berlin Cathedral, Kaiser Wilhelm Memorial Church u Nikolai Quarters**.** Naraw ukoll il-Boulevard tant famuża **Keurfustandamm** mimlija stabbilmenti mill-isbaħ. Ikollna ħin għall-ikel (extra). Wara nżuru **Charlottenburg Palace** (dħul extra) u l-ġonna tiegħu. Wara nirritornaw lura l-hotel.

**Is- Seba'Jum**

Wara l- breakfast nitilqgħu bil-kowċ lejn **Potsdam**, ir-residenza tal-mexxejja Prusjani. Hawnhekk nżuru **l-palazz Sansoucci** (dħul extra). Insibu wkoll il-Park enormi u jkollna ħin biżżejjed biex ingawdu dawn il-ġonna sbieħ. Wara nżuru ċ-ċentru tal-belt ta' Potsdam – belt kbira fejn insibu mal-20 lag u jgħaddu minn ġo fiha 20 xmara. Wara nofsinnhar ħin liberu biex ikollna l-opportunita li nkomplu niskopru iċ-ċentru ta'din il belt.

**It-Tmien Jum**

Eskursjoni mill-iżjed interessanti għall-belt ta' **Leipzig**. Flimkien mal-gwida tal-lokal inkunu nistgħu nammiraw din il-belt fejn fost l-oħrajn naraw l-Market Square fejn kienet inbniet l-Old City Hall, l-Altes Rathaus, l-Opera House u l-knisja ta' San Nikola. Wara jkollna ħin liberu fejn nistgħu anke nżuru l-Mużew tal-Fine Arts (dħul extra) jew iz-Zum Arabischen Coffe Baum, wieħed mill-aktar cafè-restaurant antiki. Nirritornaw lura Berlin.

**Id-Disa Jum**

Wara li nieħdu l-kolazzjoni noffrulkom eskursjoni b' differenza għal **Spreewald**, waħda mill-isbaħ u l-aktar riservi naturali ppriservati fl-Ewropa. Hawnhekk nużaw id-dgħajjes biex nivjaġġaw minn naħa għall-oħra u ngawdu xenarju sabiħ u trankwill. Wara nibqgħu sejrin lejn l-ajruport ta' Berlin għat-titjira KM377 li ttir fl'20.40 u naslu lura Malta f'-23.10

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1'285 |
| Kamra żewġ persuni | €1'300 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1'630 |
| Tfal sa 11–il sena f' kamra ma' żewġ adulti | €1'100 |

**Prezz jinkludi**

- Titjira Malta – Praga u Berlin – Malta mal KM Malta Air
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi u boatrides.. mhux inklużi)
- 4 iljieli Hotel Ambassador 5 Stars – Prague
- 4 t' iljieli Hotel Hollywood Media 4 Stars – Berlin
- Continental Buffet Breakfast kuljum
- Taxxi u Service Charge
- Tour Leader
- Insolvency Fund

